MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2006

Numru 161/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**Vs**

Anthony Sacco

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Anthony Sacco karta ta' identita' numru 161770(M), akkuzat talli:

1. nhar il-Hadd 14 ta' Marzu 2004, fir-Razzett tal-Hbiberija gewwa Wied il-Ghajn

a. iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew, xjentement, ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew

imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew

b. ghamel uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li jista' jqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew

c. xjentement qieghed fic-cirkostanzi, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa' ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq; u cioe' diversi hwejjeg tad-ditti. (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 298(1)(a),(c), u (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. fl-istess data u lok, ghal qligh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha; (dan bi ksur ta' l-Artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

3. fl-istess data, lok u cirkostanzi, ghamel xi haga minghajr licenzja ta' l-Awtorita' kompetenti, meta din il-licenzja hija mehtiega minn Ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-Awtorita' kompetenti bis-sahha ta' dik il-ligi. (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 13 tal-Kap 441 tal-Ligijiet ta' Malta)

Sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza issir sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni baqa' jippersisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat taht l-Artikolu 298(1)(a)(c)(f) tal-Kap 9 li jittratta l-qerq fil-kummerc u fl-industrija, bl-Artikolu 13 tal-Kap 441, u oltre li huwa recidiv.

L-ammissjoni tal-imputat hi wahda volontarja u inkondizjonata. Hadet in konsiderazzjoni c-cirkustanzi inkluz in-numru ta’ hwejjeg li l-imputat kien qieghed ibigh bi ksur tal-ligi u wara li rat l-artikoli tal-ligi fuq citati flimkien mal-artikolu 17, 49 u 50 tal-Kap 9 tikkundannah Lm100 multa komplessiva li qeghdha tawtorizzah ihallas b’pagamenti ta’ Lm20 il-pagament f’kull l-ahhar tax-xahar, l-ewwel pagament fl-ahhar ta’ Gunju. Il-pagamenti ikunu ininterrotti u successivi u bid-dekadenza fin-nuqqas konvertibbli f’dan il-kaz ghal tlett xhur prigunerija.

Tordna wkoll l-konfiska u d-distruzzjoni tal-hwejjeg oggett tal-kawza u esebiti formalment.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------